**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SEBGHA KUNSILL**

**SEDUTA NUMRU 19**

**L-ERBGHA 27 TA'APRIL 2016 FIL-5.30PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| MAURO MICELI | KUNSILLIER |
| THERESE VALENTINO | KUNSILLIER |

**Il-Kunsillier M. Fava talab sabiex jigi skuzat minhabba mpenji ta' xoghol. Il-Kunsillier A. Curmi talab ukoll sabie xjigi skuzat minhabba mpenji ohra urgenti.**

**I ZVILLUP TAL-BARRIERA F'WIED GHOMOR**

Is-Sindku nforma li din is-Seduta saret b'urgenza peress li ghada nhar il-Hamis 28 ta' April'16, fl-ufficini tal-MEPA ser ssir il-laqha tal-Bord fejn se jigi diskuss dan il-propost zvillup. Huwa rringrazzja lil dawk prezenti talli ikoperaw minghajr ma kellhom notifika sew minn qabel u fehmu l-urgenza ta' din il-materja.

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-ittra li rcieva mill-Kunsillier M. Fava rigward din il-materja (App.A).

Is- Sindku nforma li ricentament sar jaf li jista' jkun hemm aktar minn persuna wahda sabiex tirraprezenta lill-Kunsill fuq dan il-Bord li fis-seduta precidenti meta inqrat l-ittra tal-Kunsillier M. Fava fejn kien wera l-interess tieghu sabiex volontarjament jirraprezenta lil dan il-Kunsill fuq il-Bord li se jiltaqa' ghada. Is- Sindku nforma li huwa kontra l-izvillup propost tal-barriera.

Dawk prezenti sosstnew li d-decizjoni tal-Kunsill, dik li l-Perit Edgar Rossignaud jirraprezenta lil dan il-Kunsill, ma tnaqqas xejn mill-fiducja li kemm is-Sindku kif ukoll il-Kunsillieri prezenti ghandhom fil-Kunsillier M. Fava kif ukoll japprezzaw il-hidma kontinwa u l-interess tieghu f' dan il-Kunsill.

Il-Kunsillier A. Chetcuti talab sabiex is-Sindku jispejga ezatt x'inqtal fil-laqgha li hu kelli mas-sidien tal-bariera. Is-Sindku nforma li l-istess sidien kienu infurmaw li l-operat fil-haddiema ghadha attiva. Huma kienu nfurmaw ukoll li ftit 'il fuq minn din il-barriera hemm bicca art ohra li hija ta' sidien differenti u dawn ghandhom ix-xewqa li din l-art tigi zvillupata fi propjetajiet lussuzi. Ghaldaqstant is-sidien infurmaw li jekk kemm-il darba jigi approvat il-permess taghhom, il-permess ta' dawn is-sidien probabilment jigi approvat ukoll. Is-sidien kienu nfurmaw ukoll li huma qed jipproponu li ssir dar ta' rikreazzjoni ghall-anzjani.

Il-Kunsillier M. Miceli informa li huwa totalment kontra dan il-progett anzi jemmen li jkun ferm iktar ghaqli jekk din l-art terga' tinbidel fi stat naturali taghha ghall- gid ta' residenti u ta' l-lokalita'.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

Il-Kunsillier T. Valentino infurmat li hija taqbel perfetament ma' dak li qed issostni l-Kunsillier M. Miceli peress li Wied Ghomor hija ikkonsidrata bhala art ODZ u ghalhekk kull zvillup ghandu jkun projbit. Hija ssostniet ukoll li li din l-area hija l-unika spazju miftuh li fadlilha din il-lokalita' u ghalhekk huwa fl-obbligu taghna li nsalvaw din iz-zona li qed qed isservi bhala l-pulmun ta' din il-lokalita' kif ukoll ta' San Gwann. Hija nfurmat ukoll li kull zvillup li se jsir f'dan il-Wied, se jafftewa hazin il-*water table* kif ukoll il-fawna li tezisti f' din iz-zona. Hija kompliet isostni li kulhadd ghandu jahdem bi shih sabiex nharsu l-ambjent tal-ftit spazji miftuha li fadlilna. Il-kunsillier infurmat li l-EU qieghda tahdem sabiex tilhaq diversi miri. Ghaldaqstant ahna irridu naghmlu dak kollu possibli sabiex nghinu biex nilhqu dawn il-miri prezentati ukoll mill-MEPA (app.B). Hija infurmat li ricentanament l-Awtorita' ta' l-ippjanar ippublikat avizz fuq il-gazeeti lokali kollha fejn ideskriviet lilha nnifisha bhala l-Awtorita' li se tkun qed thares sew is-sistema ta' l-ippjanar u l-uzu siewi ta' l-art. Il-Kunsillier T. Valentino ghalhekk sostniet li l-Awtorita' ta' l-ippjanar ghandha dejjem timxi ma' din id-dikjarazzjoni waqt li jkun qed jittiehdu xi decizjonijiet fuq ippjanar ta' zvillup.

Il-Kunsillier M. Abela infurmat li hija kontra dan l-izvillup minhabba li hija temmen li dan l-izvillup se jkompli jhassar id-dehra ta' dan il-Wied. Hija infurmat li taqbel perfettament ma' dak li qal il-Kunsillier M.Miceli u ghaldaqstant jkun ferm ahjar jekk din l-art terga' tigi fi stat naturali taghha. Hija infurmat ukoll li s-sidiem hemm bzonn li jnaddfu sew minn kull tip ta' materjal din iz-zona.

Il-Kunsillier A. Chetcuti informa li huwa kontra kull zvillup propost li jsir fil-Wied.

Ghaldaqstant, b'mod unanimu dawk kollha prezenti ivvutaw kontra dan l-izvillup tal-barriera.

Din is-Seduta spiccat fis-6.15pm

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**